MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 195/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Neil Andrew Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Neil Andrew Vella talli :

(1) fl-24 ta' Lulju 2007, ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq minn fuq il-bajja fi Triq it-Torri, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez l-mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1000) u li sar ghad-detriment ta' Diana Schuler;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta serq minn fuq il-bajja fi Triq it-Torri, Sliema, liema serq jaqbez l-

ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux il-mitt lira Maltin (Lm100) u li sar ghad-detriment ta’ Emilie Langer;

(3) sar recidiv b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll bi ksur tal-*probation* a tebnur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonjiet kontemplati fl-istess artikoli;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 267, 279(a), 284, 285 u 17 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Neil Andrew Vella hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija, izda ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Andrew Neil Vella pprezentat fl-4 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta’ htija ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet u fid-dikjarazzjoni ta’ mhux hati tat-tielet imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kien ikkundannat piena karcerarja ghal zmien sitt xhur u tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta, u li tkun aktar addattata ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jilmenta (1) li l-piena hi eccessiva meta jigi kkunsidrat illi huwa kkoopera mal-Pulizija; (2) li huwa ma nstabx hati ta’ recidiva; (3) li jidher li l-ewwel Qorti erogat sentenza ta’ prigunerija effettiva peress illi ghamlet referenza ghall-fedina penali tieghu; (4) li fil-mori tal-kawza sab impjieg; (5) li jekk jintbaghat il-habs, huwa se jitlef dak kollu li rnexxielu jikseb bi tbatija u sagrificcji kbar.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

L-appellant instab hati talli kkommetta zewg serqiet: kaz wiehed ta' serq aggravat bil-valur u kaz iehor ta' serq semplici. Il-piena ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur meta l-valur tal-haga jkun aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), hija dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin (art. 267 u 279(a) tal-Kap. 9). Il-piena ghal serq semplici hi ta' prigunerija minn xahar sa sitt xhur, izda jekk il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), l-akkuzat jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur (art. 285 tal-Kap. 9). Fir-rigward tar-reat addebitat lill-appellant ta' serq semplici l-prosekuzzjoni ma gabitx prova tal-valur tar-refurtiva u ghalhekk ghandu jittiehed lanqas valur indikat fl-imsemmi artikolu 285, cioe` dak ta' mhux aktar minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), biex il-piena applikabbli ghat-tieni imputazzjoni ghandu jkun ta' prigunerija ta' mhux aktar minn tliet xhur.

Mela l-piena applikabbli f'dan il-kaz hi dik ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin ghall-ewwel imputazzjoni u maghha trid tizdied minn terz sa nofs (art. 17(b) tal-Kap. 9) il-piena ghat-tieni imputazzjoni. Huwa ghalhekk evidenti illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi.

Issa, l-appellant jghid illi huwa kkoopera mal-Pulizija. Effettivament jirrizulta illi huwa ammetta fl-istqarrija tieghu li seraq il-basktijiet in kwistjoni. Izda jirrizulta wkoll mill-provi li huwa nqabad *in flagrante*. L-appellant jghid illi

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

huwa ma nstabx hati ta’ recidiva izda li l-ewwel Qorti xorta uzat il-fedina penali tieghu sabiex teroga piena effettiva ta’ prigunerija. Kieku nstab hati ta’ recidiva, l-ewwel Qorti kienet tkun tista’ zzid il-piena bi grad. Bil-fatt li l-ewwel Qorti rreferiet ghall-fedina penali ta’ l-appellant, kull ma ghamlet kien li ddecidiet dwar <u>ix-xorta</u> tal-piena. Difatti l-piena nflitta hija kwazi fil-*minimum*. Kwantu ghall-fattur tax-xoghol, waqt is-seduta tal-21 ta’ Lulju 2010 id-difensur ta’ l-appellant informa lill-Qorti illi l-*employer* ta’ l-appellant keccieh hekk kif sar jaf b’dan il-kaz. L-appellant jilmenta wkoll illi jekk jintbaghat il-habs huwa ser jitlef dak kollu li rnexxielu jikseb bi tbatija u sagrificcji kbar. X’inhu dak li rnexxielu jikseb pero` ma jghidx. Dak li jirrizulta mill-atti huwa illi meta kien qieghed arrestat talab biex imur id-Detox ghall-methadone li jfisser illi kellu problema ta’ droga.

Din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant. Minnha tirrizulta evidenti din il-problema ta’ droga fuq medda ta’ diversi snin. B’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta’ Mejju 2000 instab hati ta’ pussess ta’ eroina u ta’ kokaina u kien tqieghed taht *probation* ghal tmintax-il xahar. B’sentenza ohra tat-12 ta’ April 2006 rega’ nstab hati ta’ pussess ta’ eroina u nghata *conditional discharge* ghal sitt xhur. Fit-23 ta’ Novembru 2008 instab hati ta’ pussess ta’ *ecstasy* u rega’ nghata *conditional discharge* ghal disa’ xhur. Apparti dawn il-kazijiet, huwa nstab hati ta’ serq aggravat, sekwestru tal-persuna u li zamm strument li jaqta’ u bil-ponta u gie kkundannat sentejn prigunerija b’sentenza tal-15 ta’ Marzu 2005. U b’sentenza tat-12 ta’ Gunju 2007 instab hati ta’ serq semplici u nghata *conditional discharge* ghal sentejn.

Minn dan kollu jidher illi l-appellant inghata opportunitajiet jirriforma ruhu izda inutilment. Barra minn hekk mhuwiex tollerabbli illi min imur igawdi ftit il-bahar ikun preokkupat illi se jinsterqulu l-effetti personali tieghu li jkun halla fuq l-ispjagga. Ghalhekk piena karcerarja effettiva hi wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------